# Il-Lunzjata u l-folklor Malti

Minn Joseph C. Camilleri

■ Id-devozzjoni lejn it-Tħabbira ta' l-Anġlu Gabriel lil Sidna Marija, l-ewwel misterju tal-Ferħ tar-Rużarju, hija waħda qadima. Tant li wieħed mill-artali tal-kappellun ta' l-aqwa knisja f'Malta - il-Knisja Katidrali ta' l-Imdina, huwa ddedikat lil Lunzjata. Artali oħra, kif ukoll kappelli jinsabu mxerrdin f'ħafna parroċċi Maltin u Għawdxin. Insibu li żewġ parroċċi f'Malta huma ddedikati lil Lunzjata. Dawn huma ta' Ħal Tarxien u ta' Ħal Balzan. F'Għawdex hemm kappella importanti ddedikata lil Lunzjata. Tant kienet importanti, li tat isem lil wieħed mill-widien ta' din il-gżira. Id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Lunzjata narawha bl-ismijiet li kienu jiġu mogħtija lit-tfal. Insibu li għas-subien kien hemm sew il-kliem ta' Lonzu u Nunzjat, waqt għall-bniet kien hemm Marija Annunzjata, Lonza u Nunzjata. Maż-żmien dawn saru Nunzio, Narci u Nancy. Barra minn hekk, ġieli kont issib l-isem ta' Garbil u Garbila għall-anġlu li ħabbar lil Marija.

Il-festa tal-Lunzjata tiġi fil-25 ta' Marzu u din il-festa daħlet fil-kollezzjoni tal-qwiel Maltin. Il-Malti jgħid: *Nhar il-Lunzjata tiġi l-bilbla u tmur l-alwetta.* Ta' min jgħid li l-bilbla, għasfur, tgħammar fil-gżejjer Maltin mix-xahar ta' Marzu sax-xahar t'Ottubru, jiġifieri tgħaddi x-xhur sħan magħna, min-naħa l-oħra l-alwetta, għasfur ieħor titlaq. Bħala kuntrast hemm qawl ieħor li jgħid: *Nhar San Mikiel l-alwetta tidher x'imkien.* Il-festa ta' San Mikiel tiġi fid-29 ta' Settembru.

### *L-Assedju tal-Ħobż u l-Ġbejniet*

■ Fis-sena 1429 Malta ġiet invaduta mill-Mori. Kienu daħlu f'kull raħal u ċentru urbanu ewlieni. L-uniku ħaġa li kien baqa' kien l-Imdina. Il-Maltin li ħelsuha kienu miġburin hemm. Il-Mori kienu kkampjaw madwar l-Imdina. Ma ridux jieħdu lil Malta ħlief permezz ta' ġlieda. Għalhekk bagħtu lill-Maltin karrettun mimli ħobż. Il-Maltin ħasbu li kien hemm xi velenu fil-ħobż u biex juru li kellhom l-ikel bagħtu lura l-ħobż u miegħu bagħtu l-ġbejniet. Waqt li kien qed isir dan kollu l-Maltin talbu lil Alla u lil San Pawl. Matul il-lejl, skond xi għassiesa Maltin, deher San Pawl riekeb fuq iż-żiemel ikeċċi lill-Mori. Fil-għodu l-Mori kienu qed jippreparaw biex jitilqu 'l barra. Malta kienet ħelset mill-qawwa Musulmana u baqgħet magħquda mar-Renju ta' Aragona.

Bħala tifkira u ringrazzjament tar-rebħa, l-Maltin bdew jorganizzaw purċissjoni nhar il-festa tal-Lunzjata. Għal din il-purċissjoni kienu jattendu l-parroċċi u ċ-ċentri kollha ta' Malta. Monsinjur Pietro Dusina ried li jħoll dan il-piż u ordna li kull kappillan jista' jagħmel il-wegħda billi jieħu l-parruċċani tiegħu fi knisja oħra fl-istess parroċċa f'jum magħżul minnu. Hekk iċ-ċentri ewlenin bdew joħorġu purċissjonijiet oħra biex issir it-twettiq tal-wegħda. Hekk għamlu n-Naxxar, iż-Żurrieq, il-Għargħur, Birkirkara, Birmiftuħ, Qormi, Żejtun, Siġġiewi, Ħal Lija u Ħ'Attard. Bħala tifkira fil-Katidral ta' San Pawl, il-Katidral ta' l-Imdina, hemm l-artal iddedikat lil Lunzjata f'wieħed mill-kappelluni. F'dan il-kappellun hemm kwadru kbir li juri lil San Pawl riekeb fuq żiemel abjad itir fuq armata tal-Mori. Dan l-inkwadru hu xogħol Mattia Preti.

### *Jum importanti*

■ Il-festa tal-Lunzjata tiġi disa' xhur qabel dik tal-Milied - sew sewwa fil-25 ta' Marzu. F'dan il-jum il-bdiewa u raħħala Tarxiniżi u dawk Balzanin kienu jieqfu mix-xogħol. Fil-quddies, f'dan il-jum il-qassis u l-fidili li kienu miġbura fil-knisja kienu jinżlu għarkobbtejhom mal-kliem **U l-Iben t'Alla sar bniedem minn Marija Verġni**. Kien hemm użanza li fil-għaxija, waqt inżul ix-xemx, kienet tingħad it-talba ta' l-*Angelus*. Għal dak il-jum kienu jinżlu għarkobbtejhom mal-kliem **u l-Kelma t'Alla saret Bniedem**. Fl-imgħoddi din kienet waħda mill-festi kmandati.

*Għal paġna 37...*

Jum il-25 ta' Marzu kien jum importanti ferm fil-kalendarju ċivili. Dan il-jum kien meqjus bħala l-aħħar jum tas-sena li fiha kienu jingħalqu l-kontijiet tal-gvernijiet. Anke l-gvern Malti kien jagħlaq il-kontijiet f'dan il-jum. Naturalment dan juri li l-ħajja kienet marbuta mal-fidi. Il-bidu tat-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu hu fit-Tħabbira ta' l-Anġlu. Din it-tħabbira ġabet tama u ħajja ġdida fil-bniedem u bħala simbolu l-kontijiet jingħalqu u jibdew oħrajn ġodda.

Il-Lunzjata hija marbuta mal-balzmu. Jekk wieħed ikollu bajda friska li tagħmel it-tiġieġa nhar il-Lunzjata u jerfagħha fuq xkaffa jew aħjar fir-rewwieħa tad-dar, din il-bajda ssir balzmu f'għeluq sena. Dan il-balzmu kien jintuża biex ifejjaq il-feriti u mard ieħor. Kien hemm xi wħud li kienu jaħsbu li l-lokalità ta' Ħal Balzan ġejja minn din id-drawwa. Maż-żmien il-kelma Balzan saret ukoll kunjom.

***Folklor***

■ Malta u Għawdex huma mimlija niċeċ. Il-Lunzjata għandha xi niċeċ għalkemm dawn mhumiex numerużi. L-aqwa tlieta jinsabu fil-qalba tat-tliet irħula (Ħal Balzan, Ħal Lija u Ħ'Attard) kif ukoll f'Ħal Tarxien u fl-Għasri. Ta' min jgħid, li biswit l-ewwel niċċa tal-Lunzjata hemm statwa tal-ġebel ta' San Ġużepp.

Fil-festa tal-Lunzjata hemm drawwa unika li ssir biss f'Ħal Balzan u f'Ħal Tarxien. Fil-parroċċi l-oħra jumejn qabel il-festa jsir marċ kbir u fi tmiem dan il-marċ jittella' fuq pedestal elaborat għall-aħħar l-figura ta' Malta rebbieħa. Iżda f'dawn iż-żewġ ċentri minflok lil Malta itellgħu figura ta' anġlu b'sejf f'idu. Dan hu s-simbolu tal-qerda ta' l-erezija. Il-poplu Tarxiniż u dak Balzani jirreferi għal dan il-marċ bħala l-marċ ta' l-anġlu. Dan il-marċ idur mat-toroq kollha importanti taż-żewġ lokalitajiet.

Hemm drawwa oħra marbuta mal-festa tal-Lunzjata f'Ħal Balzan. Il-Balzanin joħorġu jduru mar-raħal bl-istatwa tal-Lunzjata, l-fratelli, l-abbatini u l-kleru kif ukoll l-banda. F'Ħal Tarxien, il-purċissjoni ma' jkollhiex banda, iżda kien hemm drawwa li min ħin għall-ieħor, waqt il-purċissjoni, wieħed kien imur quddiem il-vara u jirreċta kliem il-Madonna. Kien hemm żmien ukoll f'Ħal Tarxien, meta l-vara tal-Lunzjata tkun qed iddur mar-raħal, in-nies kienu jirreferu għaliha bil-kelma - "is-sabiħa".

Iż-żewġ festi tal-Lunzjata m'għadhomx isiru fil-25 ta' Marzu. Il-festa Tarxiniża ssir f'Mejju u dik ta' Ħal Balzan f'Lulju. Ir-raġuni ta' din il-bidla mhix biss hija x-xita jew temp ħażin. Billi l-festa kienet tiġi ċċelebrata fl-aħħar ta' Marzu, kien hemm il-possibilità li l-festa ssir fil-Ġimgħa Mqaddsa. Għalhekk il-festa kienet issir bin-niċeċ u l-imkwadri mgħottijin b'biċċiet vjola. Ċerta mużika ma kinetx tista' tindaqq. Għalhekk il-vera festa mimlija briju bdiet issir fil-festi sekondarji - fil-festa tal-Madonna tad-Duttrina f'Ħal Tarxien u fil-festa ta' San Valentinu f'Ħal Balzan. Wara t-Tieni Gwerra Dinjija l-festi bdew isiru f'dati oħra u l-festi sekondarji niżlu fl-importanza tagħhom.

---

*Referenzi:*

*Rafel Bonnici Calì: Kitbiet Imżewqa twemmin, storja, arti u floklor, Pubblikazzjoni Lehen is-Sewwa, 1987.*

*J.S. Manduca u G. Mifsud: Il-Qawl Iqul PEG 1989.*

*Guido Lanfranco, L-istatwi Titulari u l-istatwarji tagħhom, Klabb Kotba Maltin, 1999.*

*Vincent Borg (Editur), Marian Devotions in the Islands of Saint Paul (1600-1800), The Historical Society, Malta 1983.*

**Privat għat-Tfal tal-Primarja**

***Privat għat-tfal li ser jagħmlu l-eżami tad-dħul tal-Junior Lyceums***
***Privat għas-subien li ser jagħmlu l-eżami tad-dħul għall-iskejjel tal-Knisja.***
***Privat għaż-żgħażagħ tas-sekondarja (Matematika)***

***Post: 100, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien - Tel: 21436090, 21892528, 79317436***
***Ikun hemm lezzjonijiet anke fix-xhur tas-sajf.***